MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 767/2012

**GO p.l.c.**

**vs**

**Serafina SCHEMBRI [ID. Nru. 20277(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' sitt mija sebgha u tletin euro u wiehed u disghin centezmi ta' euro [€637.91c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u disghin centezmi (€637.91) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40103828 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt

mir-Registru Elettorali, u Dok. IZY4 – estratt mill-Credit Info u Dok. IZY5 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012 dehret l-intimata li ddikjarat li hija titkellem biss bil-lingwa Taljana. Ra ukoll li t-Tribunal informal ill-intimata li hija setat tapplika ghall-assistenza bl-Ghajnuna Legali peress li hija kienet infurmatu li ma setatx tinkariga Avukat ta' fiducja taghha peress li ma setatx thallas.

Semgha d-dikjarazzjoni ta' l-intimata li hija mhiex tahdem u konsegwentement ma kienitx f'posizzjoni li thallas l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti liema ammont hija kienet qeghda taqbel mieghu.

Semgha lill-intimata fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012 li bil-gurament taghha qalet li "*Jiena naqbel ma' l-ammont indikat fit-talba maghmula mis-socjeta rikorrenti, l-problema tieghi hija li jiena ma nahdimx, li kieku nahdem jiena dan l-ammont nhallsu. Jekk nibda ninghata l-beneficcji socjali jiena nkun nista nibda nhallas dan l-ammont anke jekk insib xoghol anke jekk insib xoghol ukoll nibda nhallas dan l-ammont*" (fol. 12);

Ra li t-Talba giet differita ghad-9 ta' Jannar, 2013 sabiex l-intimata tkun tista tkellem Avukat tal-Ghajnuna Legali;

Ra l-kapitolu pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta' Jannar, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Illi mehud in konsiderazzjoni l-kapitolu pprezentat u l-ammissjoni ta' l-intimata stess fix-xhieda li hija tat fis-

seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012 it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa t-Talba tas-socjeta rikorrenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija sebgha u tletin euro u wiehed u disghin centezmi ta' euro [€637.91c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------